**Ruling mogħti mill-Ispeaker fis-Seduta 510 tat-2 ta' Novembru 2021 dwar ilment ta' ksur ta' privileġġ imqajjem mill-Onor. Rosianne Cutajar fil-konfront tal-Onor. Jason Azzopardi fir-rigward ta' posts fuq Facebook**

Fis-Seduta ta' filgħodu tat-Tnejn, 1 ta' Novembru 2021, waqt il-ħin tal-Mozzjonijiet l-Onor. Rosianne Cutajar talbet hekk:

> "**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Sur President, nixtieq inressaq ksur ta' privileġġ fil-konfront tiegħi mill-Onor. Jason Azzopardi. L-Onor. Jason Azzopardi nhar is-Sibt, 30 ta' Ottubru 2021, tella' Facebook *post* fejn qiegħed jattribwixxi lili kliem vulgari li jien qatt ma użajt, la fil-konfront tiegħu u lanqas fil-konfront ta' xi Deputat ieħor. Agħar minn hekk, Sur President, qiegħed jgħid li inti smajtni dakinhar, tliet snin ilu, u ma ġbidtx l-attenzjoni tiegħi. Jien m'iniex persuna baxxa; dak il-kliem la nużah hemm barra, aħseb u ara fl-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż. Grazzi ħafna.".

Wara li s-Sedja talbet lill-Onor. Rosianne Cutajar tgħaddilha d-dokumentazzjoni li kienet qed tagħmel referenza għaliha, l-Onor. Membru għaddiet kopja tal-Facebook post inkwistjoni.

Is-Sedja tifhem li l-Onor. Rosianne Cutajar, ladarba qed titlob jekk hemmx ksur ta' privileġġ fil-konfront tal-Onor. Jason Azzopardi, qiegħda tagħmel referenza għall-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati, Kap. 113, senjatament għall-paragrafu (j) tas-subartikolu (4) tal-artikolu 11, u nikkwota:

> "(j) il-pubblikazzjoni ta' kull libell li jagħti malafama lill-Ispeaker jew lil xi membru li tolqot xi ħaġa magħmula minnu jew li ntqalet minnu bħala Speaker jew bħala Membru fil-Kamra jew f'kumitat tagħha;".

Ladarba l-Membru, f'dan il-każ l-Onor. Rosianne Cutajar, qed tagħmel din it-talba, hija qed titlob illi s-Sedja tara jekk jeżistix ksur ta' privileġġ fil-konfront ta' Membru ieħor, f'dan il-każ l-Onor. Jason Azzopardi, taħt l-Ordninanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra, Kap. 113. Is-Sedja tifhem li din hija proċedura illi diġà ġiet segwita u allura qed tittratta t-talba bħala tali anke skont dak li jgħid l-*Erskine May Parliamentary Practice* (*24 Edizzjoni)* fil-kapitolu '*The Privilege of Parliament: What constitutes privilege'*. Din hija proċedura li jiriferu għaliha bħala *lex et consuetudo parliamenti*.

Is-Sedja se tara jekk effettivament hemmx każ ta' *prima facie* ksur ta' privileġġ fil-konfront tal-Onor. Jason Azzopardi b'dak li ppostja fuq Facebook fit-30 ta' Ottubru 2021 fit-20.39, fejn jingħad hekk:

> "Dawn il-kliem mimlijin lessiku safi, qalithomli fil-Parlament fit-12 ta' Novembru 2018, waqt id-*debate* jaħraq fuq 17 Black, dakinhar li sirna nafu li Yorgen Fenech kien sid 17 Black. Lili għax jien, mhux bħal ħaddieħor li kien mixtri minn Yorgen Fenech u beda jibgħatlu l-messaġġi waqt l-istess *debate*, jien u Simon Busuttil konna l-uniċi Deputati li kkritikajna lil Yorgen Fenech b'ismu.
>
> 13-il jum wara, Fenech allegatament xtara 800 *bullet*, 2 *hand grenades*, 2 *rifles* u 2 pistoli.".

F'dan l-istess post l-Onor. Azzopardi ppubblika ritratt tal-Onor. Rosianne Cutajar liema ritratt kien jinkludi kliem vulgari li qed issir referenza għalih mill-Onor. Cutajar.

Is-Sedja, għal kull bon fini, rat ukoll x'qalu dawk li kkummentaw fuq il-Facebook post, fejn fost oħrajn u nikkwota:

> "Jekk semagħha Jason, semagħha l-Ispeaker jew il-Kap tagħha"; u
> "Jason semagħha żgur imma ma tafx int kif jiġru l-affarijiet?"

Kien hemm ukoll kumment mill-istess Onor. Jason Azzopardi li qal:

> "Naf il-fatt li offenditni b'dak il-kliem fil-Parlament jaf jiġbed l-attenzjoni sa ċertu punt iva, però naċċertak ħafna agħar illi waqt li jien u Simon Busuttil konna qed nikkritikaw bis-saħħa l-korruzzjoni ta' Yorgen Fenech fl-intervent tagħna, wieħed minn fostna kien qed jikkomunika mal-istess Yorgen Fenech."

Is-Sedja ħasset il-ħtieġa li tara wkoll it-traskirzzjoni kollha tad-dibattitu tas-Seduta 166 tat-12 ta' Ottubru 2018, li tibda minn paġna 203 sa paġna 262, u rat il-parti fejn tkellem l-Onor. Jason Azzopardi u l-parti fejn tkellmet l-Onor. Rosianne Cutajar waqt dak id-dibattitu. Is-Sedja, wara li rat id-diskors kollu ta' kull min għamel intervent, rat li ma kien hemm l-ebda interruzzjonijiet, ħlief interruzzjoni waħda li saret mill-Onor. Robert Cutajar meta kienet qiegħda titkellem l-Onor. Rosianne Cutajar wara li hija qalet hekk:

> "**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Sur President, rajna kemm huwa ironiku li l-eks Kap tal-Oppożizzjoni, jew aħjar il-Kap tal-Oppożizzjoni *de facto*, illum għoġbu jiġi f'din il-Kamra jitkellem dwar responsabbiltà politika, wara li lanqas biss kellu d-diċenza jwarrab meta nqabad bil-fatti li gideb fuq il-Prim Ministru. (Onor. Membri: *Hear, Hear*) X'ironija li l-Onor. Busuttil jiġi jitkellem fuq il-verità, meta hu ried jirbaħ elezzjoni fuq il-gideb. Agħmlilna pjaċir, tiġix hawnhekk u tipprova ... (Interruzzjonijiet)".

Hawnhekk l-Onor. Robert Cutajar talab lis-Sedja:

> "**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Sur President, nixtieq nistaqsi lis-Sedja jekk il-kelma 'giddieb' hijiex aċċettabbli f'dan il-Parlament.".

Hawnhekk is-Sedja talbet lill-Onor. Rosianne Cutajar biex tkompli d-diskors tagħha u d-diskors tagħha jkompli hekk:

> "**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Onor. Simon Busuttil, kif tista' tiġi f'din il-Kamra tippontifika meta int se tibqa' mniżżel fl-istorja politika ta' pajjiżna għall-ikbar gidba politika li qatt saret. Dik tinten żgur, Onor. Simon Busuttil!".

It-traskrizzjoni tad-diskors tagħha tibqa' sejra u l-aħħar paragrafu huwa dan:

> "L-Onor. Adrian Delia qalilna li dan il-Gvern m'għandux pjan u li pajjiżna huwa l-agħar fl-Ewropa. Jien ngħidlu li t-titlu tal-agħar se jmur għandu stess li qed imexxi – jew aħjar, jipprova jmexxi – l-agħar Oppożizzjoni fl-istorja reċenti ta' pajjiżna.".

Is-Sedja nnotat li wara l-Onor. Rosianne Cutajar, tkellem l-Onor. David Stellini, dak iż-żmien Membru Parlamentari mill-Oppożizzjoni, warajh l-Onor. Alex Muscat, l-Onor. Glenn Bedingfield, l-Onor. Marlene Farrugia, l-Onor. Edward Zammit Lewis u l-aħħar kelliem wara dawn kollha u l-aħħar kelliem qabel ma morna għall-Aġġornament fid-9.00p.m. kien l-Onor.

Jason Azzopardi, li fl-ebda mument, skont l-istess dokumentazzjoni illi toħroġ mill-istess traskrizzjoni tad-diskorsi kollha, ma kienx hemm interruzzjoni jew ġibed l-attenzjoni tas-Sedja dwar xi kliem illi ntuża jew li seta' ntuża jew li seta' nstema' minn xi ħadd fil-konfront tal-Onor. Rosianne Cutajar jew ta' xi Membru Parlamentari ieħor.

F'din is-seduta minn imkien ma joħroġ li kien hemm xi oġġezzjoni dwar il-kliem vulgari li jissemma fil-post tal-Onor. Jason Azzopardi tat-30 ta' Ottubru 2021 b'referenza għal diskors li qed jgħid li sar fil-Parlament fl-istess seduta tat-12 ta' Novembru 2018.

Abbażi ta' dak li jgħid il-paragrafu 11(4)(j) tal-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati, Kap. 113, li jistipula li "il-pubblikazzjoni ta' kull libell li jagħti malafama lill-Ispeaker jew lil xi membru li tolqot xi ħaġa magħmula minnu jew li ntqalet minnu bħala Speaker jew bħala Membru fil-Kamra jew f'kumitat tagħha" jammonta għal ksur kontra din l-Ordninanza, is-Sedja hija tal-opinjoni li l-post tal-Onor. Azzopardi tat-30 ta' Ottubru 2021 jikkostitwixxi *prima facie* ksur ta' privileġġ fil-konfront tal-Onor. Jason Azzopardi. Is-Sedja qiegħda għalhekk titlob lill-Onor. Jason Azzopardi biex fl-ewwel opportunità wara l-qari ta' dan ir-*ruling* jirtira dan id-diskors fil-konfront tal-Onor. Rosianne Cutajar.

Peress li l-Onor. Azzopardi bħalissa huwa msiefer fuq xogħol parlamentari is-Sedja se tkun qed tistieden lill-Onor. Membru biex jirtira dan il-kliem wara li jiġi lura Malta. Fin-nuqqas li jagħmel dan issib li l-*post* tal-Onor. Azzopardi jikkostitwixxi *prima facie* ksur ta' privileġġ u tirreferi l-każ lill-Kumitat Permanenti dwar il-Privileġġi.

Ir-*ruling* huwa deċiż.